MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru 245/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR C. GALEA SCANNURA**

**VS**

**JOHN MARY CINI**

**Illum 9 ta' Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Mary Cini ta’ 47 sena, bin Carmelo u l-mejta Lukarda xebba Grech imwieled Qormi fl-10 ta’ Ottubru 1955 u residenti

gewwa Newcastle House, Triq il-Poezija, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 730855 M;

Talli ghall-habta ta’ l-ghaxra nieqes kwart ta’ filghodu tal-5 ta’ Marzu 2003, gewwa Hal Qormi, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ huh u cioe’ Louis Cini, dan skond kif iccertifika it-Tabib Ray Fenech MD tal-klinika Drug Shop ta’ Hal Qormi;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-persuna ta’ Louis Cini, kif ukoll ta’ missieru Carmelo Cini, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

Kif ukoll talli, matul zewg okkazzjonijiet f’Hal Qormi, fl-istess data, darba ghall-habta ta’ l-ghaxra nieqes kwart ta’ filghodu gewwa Triq il-Gdida, u darb’ohra ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu gewwa l-ghassa ta’ Hal Qormi, kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Wara illi rat l-Artikoli 216 (b) u (c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet lil Louis Cini li rrinunzja ghall-azzjoni Kriminali u jaghzel illi ma jixhidx, din il-Qorti qeghda tiddikjara procediment ezawrit it-tieni akkuza.

Rigward l-ewwel u t-tielet akkuzi, din il-Qorti ma' tistax issib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni, u dan peress illi l-Qorti hi konvinta illi provi ohra ma' ngabux, u ghaldaqstant, qeghda tillibera lill-istess imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------